KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SAUGMANDSGAARD ØE
ippreżentati fit-28 ta' Frar 2019 [1]

Kawża C-729/17

Il-Kummissjoni Ewropea
vs

Ir-Repubblika Ellenika

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Direttiva 2005/36/KE – Rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali – Regoli nazzjonali dwar ir-rikonoxximent ta' titoli ta' taħriġ miksuba għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' medjatur"

I. Introduzzjoni

1. Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni Ewropea titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel nett, tikkonstata li r-Repubblika Ellenika ma osservatx l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 49 TFUE, li jipprojbixxi r-restrizzjonijiet għal-libertà ta' stabbiliment, u l-Artikolu 15(2)(b) u (ċ) u (3) tad-Direttiva 2006/123/KE, li tirrigwarda s-servizzi fis-suq intern [2]. F'dan ir-rigward, hija tallega li dan l-Istat Membru llimita b'mod li jmur kontra dawn id-dispożizzjonijiet il-forma legali li għandu jkollhom il-fornituri tas-servizz ta' taħriġ tal-medjaturi.

2. It-tieni nett, il-Kummissjoni titlob li jiġi kkonstatat li r-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha li jirriżultaw kemm mill-Artikolu 49 TFUE u mill-Artikoli 13, 14 u 50(1) u kif ukoll mill-Anness VII tad-Direttiva 2005/36/KE li tirrigwarda r-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali [3]. F'dan ir-rigward, tallega fil-konfront tagħha li hija ssuġġettat il-proċedura ta' rikonoxximent tal-kwalifiki ta' persuni li jitolbu akkreditament sabiex jeżerċitaw fil-kwalità ta' medjatur, minn naħa, għal rekwiżiti supplimentari mhux previsti minn din id-direttiva fir-rigward tal-kontenut taċ-ċertifikati meħtieġa, u min-naħa l-oħra, għal miżuri kumpensatorji mingħajr evalwazzjoni preliminari tal-eżistenza eventwali ta' differenzi sostanzjali mat-taħriġ nazzjonali, filwaqt li kisret il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni f'dan l-istess kuntest.

3. Skont it-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja, dawn il-konklużjonijiet ser jiffokaw fuq l-ilmenti marbuta mal-inkompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni Griega inkwistjoni mad-Direttiva 2005/36 [4], b'mod partikolari fir-rigward tar-rabta bejn din tal-aħħar u d-Direttiva 2008/52/KE [5].

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 (ĠU 2006, L 376, p. 36).

3 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 (ĠU 2005, L 255, p. 22, rettifiki ĠU L 271, 16.10.2007, p. 18, ĠU L 93, 4.4.2008, p. 28, ĠU L 255, 30.9.2005).

4 Fir-rigward tal-inkompatibbiltà eventwali ta' leġiżlazzjoni nazzjonali mal-Artikolu 15 tad-Direttiva 2006/123 u mal-Artikolu 49 TFUE, ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-377/17).

5 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar ċerti aspetti ta' medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU 2008, L 136, p. 3).

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-Direttiva 2005/36

4. L-Artikolu 13 tad-Direttiva 2005/36, intitolat "Kondizzjonijiet għal rikonoxximent", jipprovdi fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Jekk l-aċċess għal professjoni regolata jew it-twettiq tagħha fi Stat Membru ospitanti jkunu kontinġenti fuq il-pussess ta' kwalifiki professjonali speċifiċi, l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru għandha tippermetti lill-applikanti jkollhom aċċess għal dik il-professjoni u jwettquha, bl-istess kondizzjonijiet li japplikaw għaċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru, jekk għandhom attestazzjoni ta' livell ta' kompetenza jew prova ta' kwalifiki formali msemmija fl-Artikolu 11, meħtieġa minn Stat Membru ieħor sabiex jiksbu aċċess għal dik il-professjoni jew għat-twettiq tagħha fit-territorju tiegħu.

L-attestazzjonijiet ta' livell ta' kompetenza jew il-provi ta' kwalifiki formali għandhom jinħarġu minn awtorità kompetenti fi Stat Membru, magħżula skont il-liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi ta' dak l-Istat Membru".

5. L-Artikolu 14 ta' din id-direttiva, intitolat "Miżuri kompensatorji", jipprovdi fil-paragrafi 1, 4 u 5 tiegħu:

"1. L-Artikolu 13 ma jżommx lill-Istat Membru ospitanti milli jeħtieġ li l-applikant itemm perijodu ta' adattament ta' mhux aktar minn tliet snin jew li jagħmel test ta' kapaċità jekk:

a) it-taħriġ li rċieva jkopri sostanzjalment suġġetti differenti minn dawk koperti mill-provi ta' kwalifiki formali meħtieġa fl-Istat Membru ospitanti;

b) il-professjoni regolata fl-Istat Membru ospitanti tinkludi attività professjonali waħda jew aktar regolata li ma jeżistux fil-professjoni korrispondenti fl-Istat Membru ta' oriġini tal-applikant, u t-taħriġ meħtieġ fl-Istat Membru ospitanti jkopri suġġetti sostanzjalment differenti minn dawk koperti mill-attestazzjoni ta' kompetenza jew il-provi ta' kwalifiki formali tal-applikant.

[…]

4. Għall-finijiet tal-paragrafi 1 u 5, 'suġġetti sostanzjalment differenti' tfisser suġġetti li fir-rigward tagħhom l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi miksuba huma essenzjali għall-eżerċitar tal-professjoni u li fir-rigward tagħhom it-taħriġ irċivut mill-immigrant juri differenzi sinifikanti f'termini ta' kontenut mit-taħriġ meħtieġ mill-Istat Membru ospitanti.

5. Il-paragrafu 1 għandu jiġi applikat fir-rigward tal-prinċipju ta' proporzjonalità. B'mod partikolari, jekk l-Istat Membru ospitanti jkun beħsiebu jitlob lill-applikant sabiex jagħmel perjodu ta' adattament jew jagħmel test ta' kapaċità, l-ewwel irid jaċċerta ruħu jekk l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi miksuba mill-applikant matul l-esperjenza professjonali tiegħu jew waqt it-tagħlim tul il-ħajja, u vvalidati formalment għal dak il-għan minn korp rilevanti, fi kwalunkwe Stat Membru jew f'pajjiż terz humiex tat-tip li jkopru bis-sħiħ jew f'parti minnhom, dawk is-suġġetti sostanzjalment differenti definit fil-paragrafu 4".

6. L-Artikolu 50 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Dokumentazzjoni u formalitajiet", jistabbilixxi fil-paragrafu 1 tiegħu, li "[f]ejn l-awtoritajiet ta' l-Istat Membru ospitanti jiddeċiedu dwar applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ta' eżerċizzju tal-professjoni regolata in kwistjoni bis-saħħa ta' dan it-Titolu, dawk l-awtoritajiet jistgħu jitolbu d-dokumenti u ċ-ċertifikati elenkati fl-Anness VII […]".

7. L-imsemmi Anness VII, dwar id-"Dokumenti u ċertifikati li jistgħu jkunu mitluba skond l-Artikolu 50(1)", huwa fformulat kif ġej:

"1. Dokumenti

a) Prova taċ-ċittadinanza tal-persuna konċernata.

b) Kopji ta' l-attestazzjonijiet ta' kompetenza professjonali jew tal-provi ta' kwalifiki formali li jagħtu aċċess għall-professjoni rilevanti, u attestazzjoni ta' l-esperjenza professjonali tal-persuna konċernata meta dan ikun japplika.

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ospitanti jistgħu jistiednu lill-applikant sabiex jipprovdi informazzjoni rigward it-taħriġ safejn huwa neċessarju sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' differenzi potenzjali sostanzjali fir-rigward tat-taħriġ nazzjonali meħtieġ, kif stabbilit fl-Artikolu 14. […]

ċ) Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 16, ċertifikat dwar in-natura u l-perjodu ta' l-attività maħruġa mill-awtorità jew il-korp kompetenti fl-Istat Membru tal-pajjiż tal-persuna jew fl-Istat Membru li minnu jiġi ċ-ċittadin barrani.

[…]"

B. Id-dritt Grieg

1. Il-Liġi Nru 3898/2010

8. Il-Liġi Nru 3898/2010[6] tittrasponi d-Direttiva 2008/52.

9. L-Artikolu 6 ta' din il-liġi, intitolat "Korp ta' akkreditament", jipprovdi fil-paragrafi 1 u 3 tiegħu:

"1. Għandha tiġi kkostitwita 'kummissjoni ta' akkreditament tal-medjaturi' taħt is-sorveljanza tal-Ministeru tal-Ġustizzja, tat-Trasparenza u tad-Drittijiet tal-Bniedem, [u] b'mod partikolari [għandha tkun] kompetenti […] għall-akkreditament tal-medjaturi potenzjali […].

3. L-akkreditament tal-medjaturi potenzjali huwa l-oġġett ta' eżamijiet magħmula quddiem bord, li fih jipparteċipaw żewġ membri tal-kummissjoni msemmija fil-paragrafu 1, maħtura mill-president tagħha, u maġistrat, li […] jippresedi l-imsemmi bord. Il-bord jivverifika jekk il-kandidat għandux il-konoxxenzi, il-ħiliet u taħriġ suffiċjenti pprovdut mill-forniturі tas-servizz ta' taħriġ imsemmija fl-Artikolu 5, sabiex jipprovdi s-servizzi ta' medjazzjoni; id-deċiżjoni tiegħu għandha tingħata bil-miktub u tkun debitament immotivata. […]"

10. Skont l-Artikolu 7(2)(a) tal-imsemmija liġi, "il-Ministeru tal-Ġustizzja, tat-Trasparenza u tad-Drittijiet tal-Bniedem […] għandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet partikolari għall-approvazzjoni tal-medjaturi, kif ukoll il-proċedura ta' rikonoxximent ta' titolu ta' approvazzjoni miksub mill-medjaturi fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea. Dan ir-rikonoxximent u r-revoka provviżorja jew definittiva tal-approvazzjoni huma suġġetti għall-kunsens preliminari tal-kummissjoni msemmija fl-Artikolu 6(1)". Il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu 6 jipprovdi b'mod partikolari li permezz ta' digriet, l-imsemmi ministeru "jistabbilixxi preċiżament il-modalitajiet, il-kriterji u l-kundizzjonijiet ta' eżami tal-medjaturi potenzjali quddiem il-bord".

6 Liġi dwar il-medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali (FEK A' 211/16.12.2010).

11. L-Artikolu 14 ta' din l-istess liġi kien emendat bl-att leġiżlattiv tal-4 ta' Diċembru 2012[7], li żied il-paragrafu 2, li jipprovdi li "[t]itolu ta' approvazzjoni ta' medjatur maħruġ minn fornitur tas-servizz ta' taħriġ f'pajjiż barrani wara taħriġ ipprovdut fil-Greċja, jista' jiġi rrikonoxxut, sa fejn dan it-titolu nkiseb mhux iktar tard mid-data tal-awtorizzazzjoni u tal-bidu tal-funzjonament ta' fornitur tas-servizz jew tal-forniturі tas-servizz msemmija fl-Arikolu 5 tal-Liġi Nru 3898/2010, u fi kwalunkwe każ, mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2012".

2. Id-Digriet Ministerjali Nru 109088 emendat

12. L-Artikolu uniku, tal-Kapitolu A, paragrafi 1, 2 u 5 tad-Digriet Ministerjali Nru 109088 tat-12 ta' Diċembru 2011[8], kif emendat bid-Digriet Nru 107309 tal-20 ta' Diċembru 2012[9] (iktar 'il quddiem id-"Digriet Ministerjali Nru 109088 emendat"), huwa fformulat kif ġej:

"A. Il-proċedura ta' rikonoxximent ta' titoli ta' approvazzjoni tal-medjaturi maħruġa minn fornitur tas-servizz ta' taħriġ f'pajjiż barrani għandha titwettaq kif ġej:

It-titoli ta' medjatur approvat maħruġa minn fornitur tas-servizz ta' taħriġ f'pajjiż barrani għandom jiġu rrikonoxxuti bħala ekwivalenti mill-kummissjoni ta' akkreditament tal-medjaturi skont il-proċedura segwenti:

1. Il-persuni kkonċernati jippreżentaw talba ta' rikonoxximent tat-titolu ta' medjatur approvat.

[…]

2. Il-formola tat-talba tiġi akkumpanjata mid-dokumenti ta' sostenn segwenti:

[…]

c) ċertifikat tal-fornitur tas-servizz ta' taħriġ, indirizzat lill-kummissjoni ta' akkreditament tal-medjaturi, imsemmija fl-Artikolu 6(1) tal-Liġi Nru 3898/2010, li jiċċertifika:

   aa) in-numru totali ta' sigħat ta' taħriġ,

   bb) is-suġġetti koperti,

   cc) il-post tat-taħriġ,

   dd) in-numru ta' parteċipanti,

   ee) in-numru u l-kwalifiki tal-forniturі,

   ff) il-proċedura ta' eżami u evalwazzjoni tal-kandidati u l-modalitajiet li jiżguraw l-integrità.

[…]

7 Att leġiżlattiv dwar ir-regolament ta' kwistjonjiet urġenti li jaqgħu fil-kompetenza tal-Ministeru tal-Finanzi, tal-Ministru tal-Iżvilupp, tal-Kompetizzjoni, tal-Infrastruttura, tat-Trasport u tan-Netwerks, tal-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Kulti, tal-Ministeru tal-Kultura u tal-Isports, tal-Ministeru tal-Ambjent, tal-Enerġija u tat-Tibdil fil-Klima, tal-Ministeru tax-Xogħol, tas-Sigurtà Soċjali u tal-Għajnuna Soċjali, tal-Ministeru tal-Ġustizzja, tat-Trasparenza u tad-Drittijiet tal-Bniedem, tal-Ministeru tar-Riforma Amministrattiva u tal-Governanza Elettronika, u dispożizzjonijiet oħra (FEK A' 237/5.12.2012).

8 FEK B' 2824/14.12.2011.

9 FEK B' 3417/21.12.2012.

5. Il-kummissjoni ta' akkreditament tal-medjaturi għandha taċċetta l-ekwivalenza tat-titolu ta' approvazzjoni, sa fejn dan it-titolu jkun ingħata minn fornitur irrikonoxxut f'pajjiż barrani u l-persuna kkonċernata tkun tista' turi esperjenza tal-inqas ta' tliet parteċipazzjonijiet fi proċeduri ta' medjazzjoni bħala medjatur, assistent medjatur jew avukat ta' wieħed mill-partijiet. Il-kummissjoni tista', fid-diskrezzjoni tagħha, titlob lill-persuna kkonċernata toqgħod għal eżami addizzjonali, b'mod partikolari meta t-taħriġ tagħha jkun ngħata fil-Greċja minn fornitur ta' oriġini barranija.

Għal dak li jirrigwarda r-rikonoxximent tal-ekwivalenza ta' titolu ta' approvazzjoni miksub f'pajjiż barrani jew maħruġ minn fornitur tas-servizz ta' taħriġ irrikonoxxut f'pajjiż barrani wara taħriġ ipprovdut fil-Greċja, il-kummissjoni ta' akkreditament tal-medjaturi tista' taċċetta l-ekwivalenza tat-titolu ta' approvazzjoni, anki jekk il-persuna kkonċernata ma turix esperjenza tal-inqas ta' tliet parteċipazzjonijiet fi proċeduri ta' medjazzjoni bħala medjatur, assistent medjatur jew avukat ta' waħda mill-partijiet, sa fejn l-elementi kollha tal-fajl tal-persuna kkonċernata juru b'mod manifest it-taħriġ kontinwu tagħha u l-prattika sistematika tal-medjazzjoni u sa fejn dan it-titolu jkun inkiseb mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2012".

3. Il-Liġi Nru 4512/2018

13. Il-Liġi Nru 4512/2018, li tinkludi Kapitolu II intitolat "Regoli dwar l-medjazzjoni", kienet ippubblikata fis-17 ta' Jannar 2018 [10].

14. L-Artikolu 188 ta' din il-liġi, intitolat "Kwalifika tal-medjaturi", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li "[l]-medjaturi għandhom ikunu: a) detenturi ta' diploma fit-tagħlim superjuri [tal-pajjiż] jew ta' diploma ekwivalenti ta' pajjiż barrani; b) imħarrġa minn fornitur tas-servizz ta' taħriġ tal-medjaturi rrikonoxxut mill-Kummissjoni Ċentrali tal-Medjazzjoni jew detenturi ta' titolu ta' akkreditament maħruġ minn Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea; ċ) akkreditati minn dan tal-aħħar u rreġistrati fir-reġistru tal-medjaturi miżmum mill-Ministeru tal-Ġustizzja, tat-Trasparenza u tad-Drittijiet tal-Bniedem. Jekk id-detentur ta' diploma ta' tagħlim superjuri [tal-pajjiż] jew ta' diploma ekwivalenti ta' pajjiż barrani għandu wkoll masters dettaljat jew dottorat relatat mal-medjazzjoni maħruġ minn stabbiliment ta' tagħlim superjuri ta' pajjiż barrani, għall-finijiet tal-akkreditament, huwa ma għandux jirċievi iktar taħriġ mingħand fornitur tas-servizz ta' taħriġ tal-medjaturi u lanqas jipparteċipa f'eżamijiet. Kull persuna li eżerċitat il-funzjonijiet ta' maġistrat hija esklużа mill-eżerċizzju tal-professjoni ta' medjatur".

15. L-Artikolu 202 tal-imsemmija liġi, intitolat "Akkreditament tal-medjaturi", jistabbilixxi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li "[l]-akkreditament tal-medjaturi u r-reġistrazzjoni tagħhom fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 203(2) jitwettqu mill-Kummissjoni Ċentrali tal-Medjazzjoni wara eżamijiet […]".

16. L-Artikolu 203 ta' din l-istess liġi, intitolat "Informazzjoni tal-pubbliku – Reġistru", jipprovdi, fil-paragrafu 6 tiegħu li "[k]ull medjatur li kien akkreditat fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, b'osservanza tad-dispożizzjonijiet previsti f'dak l-Istat Membru għall-finijiet tal-eżerċizzju b'mod legali tal-professjoni ta' medjatur, jista' jiġi rreġistrat fir-reġistru tal-medjaturi […], wara li jkun għamel talba għal dan. It-talba tiegħu għandha tkun akkumpanjata b'dokumenti ta' sostenn indispensabbli sabiex tiġi ċċertifikata l-kwalità tiegħu ta' medjatur u r-reġistrazzjoni tiegħu ssir wara li dawn jiġu vverifikati, wara approvazzjoni tal-Kummissjoni Ċentrali tal-Medjazzjoni. Din tal-aħħar teżamina l-legalità tad-dokumenti pprodotti mill-persuna kkonċernata, billi tirrikorri għal kwalunkwe mezz li fid-diskrezzjoni tagħha tqis xieraq għal dan l-għan".

10 Liġi dwar ir-regoli ta' applikazzjoni ta' riformi strutturali tal-programm ta' addattament ekonomiku u dispożizzjonijiet oħra (FEK A' 5/17.1.2018), speċjalment l-Artikolu 178 sa 206.

17. L-Artikolu 205 tal-Liġi Nru 4512/2018 jipprovdi li "[s]a mid-dħul fis-seħħ ta' din il-liġi, kull dispożizzjoni kuntrarja li tirregola b'mod differenti kull kwistjoni relattiva għall-medjazzjoni hija mħassra. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1 tal-Liġi Nru 3898/2010 jibqgħu fis-seħħ". Barra minn hekk, l-Artikolu 206 tal-Liġi Nru 4512/2018 jistipula li "[d]an il-Kapitolu II jidħol fis-seħħ sa mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-ġurnal uffiċjali tal-Gvern […]".

III. Il-proċedura prekontenzjuża u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

18. Wara lment li jikkontesta l-kompatibbiltà tal-Liġi Nru 3898/2010 u tad-Digriet Ministerjali Nru 109088 emendat mad-Direttivi 2005/36, 2006/123 u 2008/52, il-Kummissjoni talbet lir-Repubblika Ellenika, permezz ta' ittra tal-11 ta' Lulju 2013, informazzjoni dwar it-taħriġ tal-medjaturi fil-Greċja.

19. Peress li ma kinitx issodisfatta bit-tweġiba rċevuta, fil-11 ta' Lulju 2014 il-Kummissjoni indirizzat ittra ta' intimazzjoni lir-Repubblika Ellenika, li permezz tagħha hija stednitha tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha fir-rigward ta' ksur kemm tal-Artikoli 13 u 14 tad-Direttiva 2005/36 u kif ukoll tal-Artikolu 15(2)(b) u (ċ) tad-Direttiva 2006/123.

20. Peress li xorta ma kinitx issodisfatta bit-tweġiba miksuba, fid-29 ta' Mejju 2015, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni addizzjonali li permezz tagħha kkonfermat l-avviż preċedenti tagħha u barra minn hekk iddikjarat ruħha inkwetata dwar l-inkompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni Griega mal-Artikolu 50 u mal-Anness VII tad-Direttiva 2005/36 kif ukoll mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni kif stabbilit fl-Artikoli 45 u 49 TFUE.

21. Peress li ma kinitx konvinta mill-fondatezza tal-argumenti mressqa mir-Repubblika Ellenika bi tweġiba, il-Kummissjoni indirizzatilha opinjoni motivata, li ġiet irċevuta fis-26 ta' Frar 2016[11]. Skont din l-opinjoni, *l-ewwel nett*, billi llimitat il-*forma legali tal-fornituri tas-servizz ta' taħriġ tal-medjaturi* għal kumpanniji mingħajr skop ta' lukru, li għandhom jiġu kkostitwiti tal-inqas minn kamra ta' avukati u tal-inqas minn kamra tal-kummerċ fil-Greċja, skont il-Liġi Nru 3898/2010 u d-Digriet Presidenzjali Nru 123/2011[12], ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha relattivi għal-libertà ta' stabbiliment, imposti fuqha mill-Artikolu 49 TFUE u mill-Artikolu 15(2)(b) u (ċ) u (3) tad-Direttiva 2006/123. *It-tieni nett*, billi ssuġġettat il-proċedura ta' *rikonoxximent tal-kwalifiki akkademiċi* għal rekwiżiti supplimentari fir-rigward tal-kontenut taċ-ċertifikati u għal miżuri kumpensatorji mingħajr evalwazzjoni preliminari tad-differenzi sostanzjali kif ukoll billi żammet fis-seħħ dispożizzjonijiet diskriminatorji, li jirrikjedu li l-persuni li jitolbu l-akkreditament tal-kwalifika ta' medjatur[13] juru esperjenza tal-inqas ta' tliet parteċipazzjonijiet fi proċedura ta' medjazzjoni, ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikoli 45 u 49 TFUE kif ukoll skont l-Artikoli 13, 14 u 50 u l-Anness VII tad-Direttiva 2005/36.

22. Permezz ta' ittra tal-10 ta' Mejju 2016, ir-Repubblika Ellenika kkontestat in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligi allegati. *Minn naħa*, hija invokat li l-medjazzjoni tikkostitwixxi attività ta' parteċipazzjoni fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika, b'mod iktar preċiż fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja, b'tali mod li taqa' fl-eċċezzjoni prevista fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 51 TFUE, u li barra minn hekk

11 Nippreċiża li r-rikors jindika s-"16 ta' Frar", iżda mid-dokumenti annessi miegħu jirriżulta li l-opinjoni motivata hija datata l-25 ta' Frar 2016 u ġiet irċevuta l-għada.

12 Digriet Presidenzjali li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni u ta' funzjonament ta' fornituri tas-servizz ta' taħriġ tal-medjaturi f'materji ċivili u kummerċjali (FEK A' 255/9.12.2011). Skont l-Artikolu 1(1) tiegħu, "[f]ornitur tas-servizz ta' taħriġ tal-medjaturi […] jista' jkun kumpannija ċivili mingħajr skop ta' lukru kkostitwita b'mod konġunt tal-inqas minn kamra tal-avukati u minn kamra tal-kummerċ tal-pajjiż u li tiffunzjona permezz ta' awtorizzazzjoni maħruġa permezz tas-servizz tal-professjoni ta' avukat u ta' marixxalli tal-ġustizzja li jappartjenu lid-Direttorat Ġenerali tal-amministrazzjoni ġudizzjarja tal-Ministeru tal-Ġustizzja, tat-Trasparenza u tad-Drittijiet tal-Bniedem (Artikolu 5(1) tal-Liġi Nru 3898/2010)".

13 F'dan ir-rigward, ir-rikors tal-Kummissjoni jsemmi b'mod speċifiku, il-persuni li jitolbu l-akkreditament tal-kwalifika ta' medjatur li jkunu fil-pussess ta' kwalifiki ta' akkreditament miksuba f'pajjiż barrani jew maħruġa minn fornitur irrikonoxxut ta' taħriġ f'pajjiż barrani wara korsijiet ta' taħriġ ipprovduti fil-Greċja.

id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/52 jippermettu li jiġi kkunsidrat li l-interess ġenerali jista' jiġġustifika miżuri li jirrestringu l-libertà ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi. *Min-naħa l-oħra*, hija sostniet li l-medjaturi li jiksbu kwalifiki professjonali fi Stat Membru ieħor ma humiex imċaħħda mill-possibbiltà li jeżerċitaw din il-professjoni, peress li d-dispożizzjoni kkontestati jawtorizzaw rikonoxximent tal-kompetenza tagħhom fuq il-bażi ta' dokumenti relatati mat-taħriġ kontinwu tagħhom, minflok il-kriterju tal-esperjenza fuq imsemmi.

23. Peress li ma qablitx ma' din il-analiżi, il-Kummissjoni ppreżentat dan ir-rikors fuq il-bażi tal-Artikolu 258 TFUE, permezz ta' att datat it-22 ta' Diċembru 2017 u ppreżentat fl-4 ta' Jannar 2018, għall-konstatazzjoni tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligi sostnuti fl-opinjoni motivata tagħha [14].

24. Bħala difiża, ir-Repubblika Ellenika talbet li r-rikors jiġi miċħud, billi argumentat li l-Liġi Nru 3898/2010 u d-Digriet Presidenzjali Nru 123/2011 tħassru mil-Liġi Nru 4512/2018 u li din neħħiet ir-regoli nazzjonali kkontestati.

25. Fir-replika, il-Kummissjoni żammet l-ilmenti u l-argumenti esposti fir-rikors tagħha, filwaqt li sostniet, b'mod partikolari, li t-tibdiliet introdotti bil-Liġi Nru 4512/2018, wara l-preżentata ta' dan ir-rikors, ma humiex determinanti sabiex jiġi eliminat in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligi allegat.

26. Fil-kontroreplika, ir-Repubblika Ellenika għamlet preċiżazzjonijiet fir-rigward tas-sistema stabbilita mil-Liġi Nru 4512/2018 u talbet li r-rikors jiġi miċħud.

27. Waqt is-seduta tas-6 ta' Diċembru 2018, ir-Repubblika Ellenika u l-Kummissjoni għamlu l-osservazzjonijiet orali tagħhom.

IV. Analiżi

A. Fuq id-dispożizzjonijiet nazzjonali kkontestati f'dan ir-rikors

28. Qabel ma neżamina l-fondatezza tal-ilmenti tal-Kummissjoni dwar in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligi li jirriżultaw mid-Direttiva 2005/36, li huwa allegat fil-konfront tar-Repubblika Ellenika [15], għandha tiġi stabbilita *l-estensjoni ta' dan ir-rikors*, billi jiġu identifikati d-dispożizzjonijiet nazzjonali li huma s-suġġett tiegħu.

29. Fil-fatt, skont ir-rikors tagħha, il-Kummissjoni stabbilixxiet il-kuntest ġuridiku nazzjonali li fih taqa' din il-kawża billi semmiet, b'mod iktar partikolari, il-Liġi Nru 3898/2010 u d-Digriet Ministerjali Nru 109088 emendat [16], fil-verżjoni tagħhom applikabbli fid-data ta' dan ir-rikors promotur [17].

30. Madankollu, fir-risposta tagħha, ir-Repubblika Ellenika sostniet li d-dħul fis-seħħ tal-Liġi Nru 4512/2018, li tirregola b'mod partikolari l-professjoni tal-medjatur, kienet wasslet sabiex tiġi mħassra kull regola nazzjonali msemmija fir-rikors u għas-sostituzzjoni tagħhom b'dispożizzjonijiet konformi mad-dritt tal-Unjoni, b'tali mod li l-ilmenti invokati mill-Kummissjoni "llum tilfu kull sens". B'mod partikolari, hija ddikjarat, minn naħa li "d-dispożizzjonijiet tal-Liġi Nru 4512/2018 neħħew […] l-obbligu tal-persuni li jitolbu l-akkreditament tal-kwalifika ta' medjatur, meta jkollhom kwalifiki ta'

14 Ara l-punt 21 ta' dawn il-konklużjonijiet. Nipprečiża li l-Artikolu 49 TFUE biss huwa ċċitat bħala bażi ġuridika tar-rikors, u mhux l-Artikolu 45 TFUE, li kien issemma b'mod kumplimentarju fl-opinjoni motivata.

15 Fondatezza li ser tiġi eżaminata fil-punti 39 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet.

16 Jidhirli li l-adozzjoni tad-Digriet Ministerjali Nru 109088 emendat tirriżulta, b'mod partikolari, mill-formulazzjoni tal-Artikolu 7(2)(a) tal-Liġi Nru 3898/2010.

17 Nipprečiża li l-Kummissjoni ssemmi, barra minn hekk, id-Digriet Presidenzjali Nru 123/2011, iżda dan l-istrument ma jirrigwardax il-parti tar-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li hija s-suġġett ta' dawn il-konklużjonijiet (ara l-punt 3 ta' dawn tal-aħħar).

akkreditament maħruġa f'pajjiż barrani jew minn fornitur ta' taħriġ irrikonoxxut f'pajjiż barrani, li jkunu pparteċipaw tal-inqas fi tliet proċeduri ta' medjazzjoni", u min-naħa l-oħra, li dawn id-dispożizzjonijiet bidlu l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni fir-reġistru Grieg tal-medjaturi [18]. Hija rrepetiet dan l-argument fil-kontroreplika tagħha [19].

31. Fir-replika tagħha, il-Kummissjoni indikat, speċifikament fir-rigward tal-allegat ksur tad-Direttiva 2005/36, minn naħa, li l-ilmenti deskritti fir-rikors tagħha ma tilfux is-sens tal-kontenut tagħhom u, min-naħa l-oħra, li għandhom isiru diversi kjarifiki dwar il-kontenut ta' wħud mid-dispożizzjonijiet tal-Liġi Nru 4512/2018 kif ukoll dwar l-eventwali żamma tal-applikazzjoni tar-regoli preċedenti [20]. Hija żiedet li, fi kwalunkwe każ, hija tirreferi għall-elementi tar-rikors tagħha li jirrigwardaw dan il-ksur, li fil-fehma tagħha huwa kkawżat mil-leġiżlazzjoni preċedenti, "anki jekk tittieħed inkunsiderazzjoni l-leġiżlazzjoni ġdida" invokata mill-konvenuta.

32. Matul il-fażi orali ta' din il-proċedura, il-partijiet irrepetew essenzjalment il-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom. B'mod partikolari, ir-Repubblika Ellenika ddikjarat li l-Artikolu 205 tal-Liġi Nru 4512/2018, li skont il-Kummissjoni jippreżenta formulazzjoni mhux preċiża, kellu l-effett li jħassar id-dispożizzjonijiet kollha preċedenti relattivi għall-medjazzjoni li l-lista tagħhom saret permezz ta' proċess verbal li jinsab fl-arkivji tal-Parlament Grieg. Barra minn hekk, il-Kummissjoni indikat li l-ilmenti bbażati fuq id-Direttiva 2005/36 li hija ressqet kontra d-dispożizzjonijiet nazzjonali msemmija fir-rikors tagħha kienu indirizzati wkoll kontra d-dispożizzjonijiet tal-Liġi Nru 4512/2018, billi ppreċiżat li dawn ma jidhrux li huma manifestament kuntrarji għal dawk tal-leġiżlazzjoni preċedenti.

33. F'dan ir-rigward, *l-ewwel nett*, ninnota li r-Repubblika Ellenika ma qajmitx formalment eċċezzjoni ta' inammissibbiltà fir-rigward ta' dan ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' teżamina *ex officio* jekk il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 258 TFUE, għall-preżentata ta' tali rikors humiex issodisfatti. B'mod partikolari, skont ġurisprudenza stabbilita, mill-Artikolu 120 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-punti ta' dritt essenzjali li fuqhom jiġi bbażat rikors għandhom jirriżultaw b'mod koerenti u li jinftiehem mit-test tar-rikors u li t-talbiet ta' dan tal-aħħar għandhom jiġu fformulati b'mod inekwivokabbli, sabiex tinftiehem b'mod preċiż il-portata tal-ksur tad-dritt tal-Unjoni allegat, kundizzjoni neċessarja sabiex l-Istat Membru kkonċernat ikun jista' jsostni b'mod effettiv il-motivi tad-difiża tiegħu u l-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' debitament teżerċita l-istħarriġ tagħha [21].

34. *It-tieni nett*, infakkar li ġie deċiż diversi drabi li l-eżistenza ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu għandha tiġi evalwata fid-dawl tas-sitwazzjoni tal-Istat Membru kif tippreżenta ruħha *fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata* u li l-bidliet li jsiru sussegwentement ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tevalwa r-realtà ta' dan in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu. Għalhekk, l-argumenti mressqa mill-Istat konvenut għandhom jiġu eskluż sa fejn

18 F'dan ir-rigward, ir-Repubblika Ellenika argumentat li l-Liġi Nru 4512/2018 hija intiża sabiex "issaħħaħ it-taħriġ tal-medjaturi potenzjali billi tistabbilixxi prerekwiżiti sabiex wieħed jieħu taħriġ tal-medjaturi. [Il-persuni kkonċernati għandu] jkollhom diploma ta' studju ta' stabbiliment ta' tagħlim superjuri tal-pajjiż jew diploma barranija rrikonoxxuta ekwivalenti mingħajr obbligu li jkollhom esperjenza ta' parteċipazzjoni fi proċedura ta' medjazzjoni". Hija żiedet li "l-Artikolu 203(6) ta' [din] il-liġi jagħti l-fakultà ta' reġistrazzjoni fir-reġistru tal-medjaturi u medjaturi akkreditati fi Stat Membru ieħor, fl-osservanza tad-dispożizzjonijiet previsti fl-Istat Membru sabiex tiġi eżerċitata legalment il-professjoni ta' medjatur".

19 Skont din l-aħħar risposta, "id-digrieti ministerjali dwar il-medjazzjoni [li kienu jeżistu minn qabel] il-Liġi Nru 4512/2018 spiċċaw mad-dħul fis-seħħ tagħha".

20 Skont il-Kummissjoni, ma jirriżultax b'mod ċar, b'mod partikolari, mill-Artikolu 205 u mill-Artikolu 188(1)(a) u (b) ta' din il-liġi li r-regoli nazzjonali kkontestati fir-rikors tagħha tħassru kompletament. Għalhekk, in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu allegat jippersisti minkejja r-riforma tal-leġiżlazzjoni rilevanti.

21 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-14 ta' Ottubru 2010, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (C-535/07, EU:C:2010:602, punt 42); tad-19 ta' Diċembru 2012, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-68/11, EU:C:2012:815, punti 49 sa 54), kif ukoll tal-5 ta' April 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (C-488/15, EU:C:2017:267, punt 50).

jirrigwardaw żvilupp leġiżlattiv wara d-data tal-iskadenza tal-imsemmi terminu [22]. Barra minn hekk, rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li jirrigwarda leġiżlazzjoni nazzjonali li jibqa' jkollha effetti f'dik id-data, li hija l-unika data rilevanti għall-evalwazzjoni tal-ammissibbiltà tar-rikors, ma huwiex nieqes minn skop. Fil-fatt, fil-każijiet fejn in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kien eliminat wara dik id-data, ikun hemm interess li titkompla l-kawża, b'mod partikolari sabiex tiġi stabbilita l-bażi tar-responsabbiltà li Stat Membru jista' jkollu bħala konsegwenza tan-nuqqas tiegħu fir-rigward, b'mod partikolari, ta' dawk il-persuni li jiksbu drittijiet minn dan tal-aħħar [23].

35. Issa, f'dan il-każ, id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu II tal-Liġi Nru 4512/2018, li minnhom tipprevalixxi ruħha r-Repubblika Ellenika, daħlu fis-seħħ fis-17 ta' Jannar 2018 [24], u għalhekk wara d-data tal-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata, jiġifieri s-26 ta' April 2016 [25], u anki wara l-preżentata ta' dan ir-rikors, li seħħet fl-4 ta' Jannar 2018. Peress li n-nuqqas allegat żgur li ma kienx spiċċa fid-data tal-iskadenza tal-imsemmi terminu, l-emenda tad-dispożizzjonijiet ikkontestati mill-Kummissjoni li seħħet wara din id-data ma setgħetx ittellef lil dan ir-rikors mill-iskop tiegħu. Għalhekk, fil-fehma tiegħi, il-kwistjoni dwar jekk il-Liġi Nru 4512/2018 ħassritx totalment jew le d-dispożizzjonijiet tad-dritt Grieg imsemmija fir-rikors ma hijiex determinanti, għaliex fi kwalunkwe każ, din il-kwistjoni ma għandhiex effett fuq l-ammissibbiltà tar-rikors sa fejn dan jirrigwardahom.

36. *It-tielet nett*, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, meta l-leġiżlazzjoni nazzjonali kkontestata fil-kuntest ta' proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu tiġi emendata wara l-iskadenza tat-terminu stabbilit fl-opinjoni motivata, għandu jiġi kkunsidrat li *l-Kummissjoni ma tibdilx is-suġġett tar-rikors tagħha* jekk hija tindirizza l-ilmenti fformulati kontra d-dispożizzjonijiet preċedenti u kif ukoll kontra d-dispożizzjonijiet li jirriżultaw mir-riforma adottata, *sakemm* madankollu jiġi stabbilit li ż-żewġ verżjonijiet tal-leġiżlazzjoni għandhom kontenut essenzjalment identiku, b'tali mod li s-sistema stabbilita mil-leġiżlazzjoni kkontestata matul il-fażi prekontenzjuża *tinżamm* fl-intier tagħha [26].

37. F'dan il-każ, jidhirli li l-argumenti kemm bil-miktub kif ukoll orali li l-Kummissjoni ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Liġi Nru 4512/2018 fihom nuqqas ta' ċarezza, jew saħansitra huma vvizzjati b'ċerta ambigwità. Fil-fatt, il-Kummissjoni indikat li hija kellha l-intenzjoni tressaq l-ilmenti bbażati fuq id-Direttiva 2005/36 mhux biss fir-rigward tal-leġiżlazzjoni nazzjonali msemmija fir-rikors tagħha, iżda wkoll fir-rigward tal-Liġi Nru 4512/2018, mingħajr madankollu ma stabbilixxiet b'mod preċiż sa fejn il-kontenut ta' din tal-aħħar huwa analogu għal-leġiżlazzjoni preċedenti, u għalhekk kuntrarju wkoll għall-imsemmija direttiva, peress li hija invokat biss serje ta' dubji f'dan ir-rigward [27]. Issa, fil-fehma tiegħi, dan il-mod ta' proċediment ma

22 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-28 ta' Lulju 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-133/10, mhux ippubblikata, EU:C:2011:527, punti 31 sa 39); tal-25 ta' Ottubru 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Portugal (C-557/10, EU:C:2012:662, punti 24 u 25); tal-4 ta' Settembru 2014, Il-Kummissjoni vs Franza (C-237/12, EU:C:2014:2152, punti 52 sa 55); tat-18 ta' Diċembru 2014, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (C-640/13, mhux ippubblikata, EU:C:2014:2457, punti 41 sa 44), kif ukoll tal-4 ta' Mejju 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (C-274/15, EU:C:2017:333, punti 41, 47 u 48).

23 Ara b'mod partikolari, is-sentenzi tal-10 ta' April 2008, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-442/06, EU:C:2008:216, punt 42); tas-7 ta' April 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-20/09, EU:C:2011:214, punti 31 sa 42), kif ukoll tat-23 ta' April 2015, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija (C-376/13, mhux ippubblikata, EU:C:2015:266, punti 43 u 45).

24 Skont l-Artikolu 206 tagħha, l-imsemmija dispożizzjonijiet (iċċitati permezz ta' siltiet fil-punti 13 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet) daħlu fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni ta' din il-liġi.

25 Nippreċiża li mid-dokumenti annessi mar-rikors jirriżulta li l-Kummissjoni stabbilixxiet terminu ta' xahrejn sa mid-data li fiha tirċievi l-opinjoni motiva, li kienet rċevuta fis-26 ta' Frar 2016, li fih ir-Repubblika Ellenika kellha tirrimedja n-nuqqas allegat.

26 Ara f'dan is-sens, is-sentenzi tat-22 ta' Settembru 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-221/03, EU:C:2005:573, punti 38 *et seq.*); tal-10 ta' Jannar 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-98/03, EU:C:2006:3, punt 27); tal-21 ta' Marzu 2013, Il-Kummissjoni vs Franza (C-197/12, mhux ippubblikata, EU:C:2013:202, punt 26), kif ukoll tal-4 ta' Settembru 2014, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-211/13, mhux ippubblikata, EU:C:2014:2148, punt 24).

27 Kemm fir-replika tal-Kummissjoni kif ukoll waqt is-seduta.

huwiex konformi mal-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq dwar iċ-ċarezza u l-preċiżjoni meħtieġa fil-pretensjonijiet tal-Kummissjoni meta din trid tikseb il-kundanna ta' Stat Membru minħabba nuqqas ta' twettiq ta' obbligi li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni [28] u ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet tar-rikorrenti meta hija ma tissodisfax dawn ir-rekwiżiti [29].

38. Bħala konklużjoni, peress li d-dispożizzjonijiet tad-dritt Grieg imsemmija fir-rikors tal-Kummissjoni [30] ma kinux imħassra qabel l-iskadenza tat-terminu stabbilit fl-opinjoni motivata, jiena nqis li dan ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ma jistax jitqies li huwa mingħajr skop, u għalhekk għandu jiġi ddikjarat ammissibbli, sa fejn jirrigwardahom. Mill-banda l-oħra, nikkunsidra li l-eventwali imputazzjoni tal-ilmenti inklużi fir-rikors għad-dispożizzjonijiet li jirriżultaw mil-Liġi Nru 4512/2018 ma kinitx sostnuta b'mod suffiċjenti mill-Kummissjoni sabiex tkun tista' tittieħed inkunsiderazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja, tal-inqas fir-rigward tal-ksur tad-Direttiva 2005/36, b'tali mod li fil-fehma tiegħi ma hemmx lok li jiġi evalwat in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu allegat fir-rigward ta' dawn id-dispożizzjonijiet ġodda.

B. Fuq in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligi li jirriżultaw mid-Direttiva 2005/36

39. Fid-dawl tal-argumenti rispettivi tal-partijiet f'din il-proċedura, ser neżamina, qabelxejn, jekk il-leġiżlazzjoni Griega kkontestata taqax fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-Direttiva 2005/36 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali, u dan b'mod iktar speċjali mill-angolu tar-rabta ta' din tal-aħħar mad-Direttiva 2008/52 [31], fid-dawl tal-għan limitat ta' dawn il-konklużjonijiet [32] (Taqsima 1). Peress li fil-fehma tiegħi d-Direttiva 2005/36 għandha tiġi ddikjarata applikabbli f'dan ir-rigward, għandu mbagħad jiġi ddeterminat jekk l-imsemmija leġiżlazzjoni hijiex konformi magħha (Taqsima 2).

1. Fuq l-applikabbiltà tad-Direttiva 2005/36 b'mod partikolari fid-dawl tad-Direttiva 2008/52

40. B'mod preliminari, nosserva li l-kwistjoni tal-applikabbiltà tad-Direttiva 2005/36, b'mod iktar speċifiku fir-rigward tal-kontenut tad-Direttiva 2008/52, tidher li ġiet invokata essenzjalment fil-kuntest tal-fażi prekontenzjuża, anki jekk din il-kwistjoni ssemmiet fl-att li bih ġiet adita l-Qorti tal-Ġustizzja [33].

28 Minbarra s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 21, ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jääskinen fil-kawża Il-Kummissjoni vs L-Estonja (C-39/10, EU:C:2011:770, punti 32 *et seq*.).

29 Huwa magħruf li, dwar il-mertu tar-rikors, hija l-Kummissjoni li għandha tistabbilixxi n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, billi tipproduċi lill-Qorti tal-Ġustizzja l-elementi neċessarji għall-verifika tal-eżistenza u tal-estensjoni ta' dan in-nuqqas u mingħajr ma tibbaża ruħha fuq xi preżunzjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tad-29 ta' Ottubru 2015, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, C-589/14, mhux ippubblikata, EU:C:2015:736, punti 28 u 32; tad-29 ta' Ġunju 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, C-126/15, EU:C:2017:504, punti 70 u 80, u tat-12 ta' April 2018, Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka, C-541/16, EU:C:2018:251, punt 25).

30 Jiġifieri d-dispożizzjonijiet tal-Liġi Nru 3898/2010 u d-Digriet Ministerjali Nru 109088 emendat, fir-rigward tal-ilmenti bbażati fuq ksur tad-Direttiva 2005/36.

31 Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/52 (dwar ċerti aspetti tal-medjazzjoni) huma invokati wkoll mir-Repubblika Ellenika u, prinċipalment, bħala motiv ta' difiża kontra l-ewwel ilment imressaq mill-Kummissjoni, li huwa bbażat fuq l-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 49 TFUE (dwar il-libertà ta' stabbiliment) u mill-Artikolu 15 tad-Direttiva 2006/123 (dwar is-servizzi fis-suq intern). Infakkar li, madankollu, dan l-ilment ma huwiex l-oġġett ta' dawn il-konklużjonijiet intiżi għal skop speċifiku (ara l-punti 1 u 3 ta' dawn tal-aħħar).

32 Skont ir-rikors, sabiex toġġezzjona għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2005/36, ir-Repubblika Ellenika invokat ukoll żewġ argumenti oħra, wieħed ibbażat fuq l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 51 TFUE (li jistabbilixxi eċċezzjoni għal-libertà ta' stabbiliment għall-attivitajiet li jaqgħu fl-ambitu tal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika fi Stat Membru) u l-ieħor ibbażat fuq il-fatt li hija għadha ma ħatritx awtorità nazzjonali responsabbli mir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali tal-medjaturi fil-Greċja (bħal dik prevista fl-Artikolu 56(3) tal-imsemmija direttiva). Madankollu, dawn iż-żewġ argumenti ma humiex ser jiġu analizzati f'dawn il-konklużjonijiet intiżi għal skop speċifiku.

33 Fil-fatt, ir-rikors tal-Kummissjoni jindika li l-awtoritajiet Griegi qajmu oġġezzjoni f'dan ir-rigward fir-risposta tagħhom għall-opinjoni motivata. Fil-fehma tiegħi, ir-Repubblika Ellenika ma sostnietx dik l-oġġezzjoni la fir-risposta tagħha u lanqas fil-kontroreplika li hija ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, u lanqas fl-osservazzjonijiet orali tagħha, filwaqt li jiġi ppreċiżat li ċertament is-sottomissjonijiet orali tagħha invokaw id-Direttiva 2008/52, iżda b'rabta mad-Direttiva 2006/123, parti li ma hijiex analizzata f'dawn il-konklużjonijiet (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 31 ta' dawn tal-aħħar). Issa, matul il-proċedura prekontenzjuża, il-partijiet għandhom l-okkażjoni jesponu u jelaboraw l-argumenti li, sussegwentement, jiżviluppaw quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jekk din tal-aħħar tiġi adita b'azzjoni għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu (ara b'mod partikolari, id-digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Novembru 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja, C-619/18, EU:C:2018:910, punt 24).

41. Skont ir-rikors tagħha, il-Kummissjoni tesponi li, fir-risposta tagħhom għall-opinjoni motivata, l-awtoritajiet Griegi qajmu dubju dwar l-applikabbiltà tad-Direttiva 2005/36 billi argumentaw li l-klassifikazzjoni tal-professjoni ta' medjatur bħala "professjoni regolata" tista' "tiddependi fuq il-korrelazzjoni bejn id-Direttiva 2005/36 u d-Direttiva 2008/52 sussegwenti".

42. *Fl-ewwel lok*, ninnota li mir-rikors jirriżulta b'mod espliċitu li l-awtoritajiet Griegi ma kkontestawx il-pożizzjoni tal-Kummissjoni li l-professjoni ta' medjatur fil-Greċja tikkostitwixxi "*professjoni regolata*" fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2005/36. Ir-Repubblika Ellenika ma kkontestatx dan il-punt quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Barra minn hekk, fil-fehma tiegħi din l-analiżi hija korretta għar-raġunijiet segwenti.

43. Mill-formulazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni[34] u mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja marbuta magħha[35] jirriżulta li dan il-kunċett jirrigwarda attività professjonali li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' aċċess jew eżerċizzju tagħha, hija direttament jew indirettament irregolata minn dispożizzjonijiet nazzjonali li jimponu l-pussess ta' kwalifiki professjonali partikolari, li jikkorrispondu għal titolu ta' taħriġ maħsub b'mod speċifiku sabiex jipprepara d-detenturi tiegħu għall-eżerċizzju ta' professjoni partikolari. Issa, il-professjoni ta' medjatur kif irregolata fil-Greċja tissodisfa effettivament dawn il-kriterji, peress li l-aċċess għaliha huwa suġġett għal taħriġ xieraq sabiex tinkiseb kwalifika professjonali u għal titolu li jippermetti b'mod speċifiku l-eżerċizzju ta' din il-professjoni, b'mod partikolari, skont l-Artikolu 6(1) u (3) tal-Liġi Nru 3898/2010[36]. Għalhekk, f'dan il-każ, id-Direttiva 2005/36 hija applikabbli fid-dawl tal-Artikolu 3(1)(a) tagħha.

44. *Fit-tieni lok*, nirrileva li, skont ir-rikors, fil-fażi prekontenzjuża, l-awtoritajiet Griegi sostnew li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2005/36 huwa *limitat għall-"eżerċizzju" ta' professjoni rregolata*, billi argumentaw rabta preżunta bejn din id-direttiva u d-*Direttiva 2008/52*. B'hekk, il-"korrelazzjoni" hekk stabbilita bejn dawn iż-żewġ strumenti ma kinitx espressa mill-partijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Jekk qed nifhem sewwa l-problema mqajma, fid-dawl tal-indikazzjonijiet ipprovduti mill-Kummissjoni, għandu jiġi ddeterminat sa fejn l-armonizzazzjoni li tirriżulta mid-Direttiva 2005/36, fid-dawl tad-Direttiva 2008/52, tinkludi l-kundizzjonijiet ta' aċċess għal professjoni rregolata bħal dik ta' medjatur fil-Greċja.

45. F'dan ir-rigward, infakkar li skont l-Artikoli 1 u 2 tagħha, id-Direttiva 2005/36 tistabbilixxi r-regoli li fuq il-bażi tagħhom il-kwalifiki professjonali miksuba miċ-ċittadini tal-Istati Membri fi Stat Membru wieħed jew iktar, imsejħa "tal-oriġini", għandhom jiġu rrikonoxxuti fi Stat Membru, imsejjaħ "ospitanti", għall-finijiet tal-aċċess għall-professjonijiet irregolati, fis-sens ta' din id-direttiva, jew tal-eżerċizzju tagħhom fit-territorju ta' dan l-aħħar Stat[37].

46. Fir-rigward tat-teħid inkunsiderazzjoni tad-Direttiva 2008/52 sabiex jiġi stabbilit il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-Direttiva 2005/36, minbarra l-fatt li r-rilevanza ta' dan l-argument ma ntwerietx mir-Repubblika Ellenika quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, jidhirli, fi kwalunkwe każ, li dan huwa infondat. Fil-fatt, minn naħa, id-Direttiva 2008/52 ma tagħmel ebda riferiment

34 L-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2005/36 jiddefinixxi l-kunċett ta' "professjoni regolata" kif ġej: "attività professjonali jew grupp ta' attivitajiet professjonali, li l-aċċess għalihom, l-eżerċizzju tagħhom, jew wieħed mill-modi ta' l-eżerċizzju tagħhom huma soġġetti, direttament jew indirettament, permezz ta' dispożizzjonijiet leġislattivi, regolamentari jew amministrattivi, għall-pussess ta' kwalifiki professjonali speċifiċi; b'mod partikolari, l-użu ta' titolu professjonali limitat minn dispożizzjonijiet leġislattivi, regolamentari jew amministrattivi lil titolari ta' kwalifiki professjonali għandu jikkostitwixxi mod ta' eżerċizzju. […]".

35 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-17 ta' Diċembru 2009, Rubino (C-586/08, EU:C:2009:801, punt 24); tas-6 ta' Ottubru 2015, Brouillard (C-298/14, EU:C:2015:652, punti 36 sa 38), u tal-21 ta' Settembru 2017, Malta Dental Technologists Association u Reynaud (C-125/16, EU:C:2017:707, punti 34 u 35).

36 Li jipprovdi li l-medjaturi potenzjali huma ssuġġettati għall-eżami ta' bord responsabbli mill-verifika, qabel il-ħruġ ta' akkreditament, li dawn għandhom l-konoxxenzi, il-kompetenzi u taħriġ suffiċjenti pprovdut minn fornitur awtorizzat.

37 Ara, ukoll, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawża Brouillard (C-298/14, EU:C:2015:408, punt 28).

għad-Direttiva 2005/36[38], preċedenti għaliha. Min-naħa l-oħra, sa fejn naf jien, fil-ġurisprudenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja qatt ma stabbilixxiet rabta sostanzjali bejn dawn iż-żewġ strumenti, filwaqt li għandu jiġi osservat li l-għanijiet tagħhom huma ferm distinti[39]. Barra minn hekk, mill-qari tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/52 li huma potenzjalment rilevanti[40], li essenzjalment jirrigwardaw il-kwalità tal-medjazzjoni[41], ma narax kif dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu jaffettwaw l-applikabbiltà tad-Direttiva 2005/36 f'din il-kawża.

47. Finalment, kif tindika l-Kummissjoni, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li fl-assenza ta' armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' aċċess għal professjoni, l-Istati Membri għandhom id-dritt jiddefinixxu l-konoxxenzi u l-kwalifiki neċessarji sabiex tiġi eżerċitata din il-professjoni, filwaqt li jibqgħu marbuta josservaw il-libertajiet fundamentali mogħtija mit-Trattat FUE waqt l-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom f'dan il-qasam[42]. F'dan il-każ, nikkunsidra li l-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-attività ta' medjatur ma humiex, sal-lum, l-oġġett ta' armonizzazzjoni fuq livell tal-Unjoni, b'mod partikolari skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/52, b'tali mod li l-Istati Membri jibqgħu kompetenti sabiex jistabbilixxu dawn il-kundizzjonijiet, filwaqt li huma obbligati jiżguraw li d-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati f'dan ir-rigward ma jikkostitwixxux ostakolu inġustifikat għall-eżerċizzju effettiv tal-imsemmija libertajiet.

48. Għalhekk, bħall-Kummissjoni, nikkunsidra li ma hemm l-ebda dubju mhux biss li l-professjoni ta' medjatur fil-Greċja tikkostitwixxi "professjoni regolata" fis-sens tad-Direttiva 2005/36, iżda wkoll li din taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tagħha. Għalhekk, għandu jiġi ddeterminat jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni f'dan ir-rikors hijiex konformi mar-rekwiżiti ta' dan l-istrument.

2. Fuq l-inkompatibbiltà tad-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni mad-Direttiva 2005/36

49. Mill-*argumenti mressqa mill-partijiet dwar il-mertu* jirriżulta li l-Kummissjoni ssostni li billi adottat il-leġiżlazzjoni msemmija fir-rikors, b'mod iktar speċifiku d-Digriet Ministerjali Nru 109088 emendat moqri flimkien mal-Liġi Nru 3898/2010, ir-Repubblika Ellenika mhux biss kisret l-Artikoli 13, 14, 50 u l-Anness VII tad-Direttiva 2005/36, iżda kisret ukoll il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni fil-kuntest ta' din l-istess leġiżlazzjoni.

38 B'mod differenti, pereżempju, mill-premessa 19 u għall-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2013/11/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (id-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi) (ĠU 2013, L 165, p. 63). F'dan ir-rigward, ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Menini u Rampanelli (C-75/16, EU:C:2017:132, punti 55 *et seq.*).

39 Infakkar li d-Direttiva 2008/52 tirrigwarda ċerti aspetti tal-medjazzjoni, bħala mod extraġudizzjarju għas-soluzzjoni ta' tilwim li għandu jiġi inkoraġġit, filwaqt li d-Direttiva 2005/36 tirrigwarda r-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali, kif jirriżulta kemm mit-titoli kif ukoll mill-Artikoli 1 ta' dawn l-istrumenti, li jistabbilixxu l-għanijiet rispettivi tagħhom.

40 Fid-dawl tad-dibattiti magħmula quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tar-rabta tad-Direttiva 2008/52 mad-Direttiva 2006/123 ukoll (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 31 ta' dawn il-konklużjonijiet).

41 Jiġifieri l-premessa 16 u l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2008/52, li jistabbilixxu l-għanijiet tagħha, l-Artikolu 3(b) li jiddefinixxi l-kunċett ta' "medjatur" u l-Artikolu 4 li jirrigwarda l-"kwalità tal-medjazzjoni". Minkejja li din il-premessa 16 u dan l-Artikolu 4(2) jistiednu lill-Istati Membri jippromwovu t-taħriġ tal-medjaturi, sabiex jiffavorixxu medjazzjoni ta' kwalità tajba, madankollu l-imsemmija direttiva ma hijiex intiża sabiex tirregola l-kwalifika professjonali ta' dawn tal-aħħar. Ara b'mod partikolari, Cadiet, L., "Directive n° 2008/52/CE […]", *Droit processuel civil de l'Union européenne*, LexisNexis, Pariġi, 2011, p. 321 *et seq.*, speċjalment il-punt 850; Ybarra Bores, A., "The European Union and alternative dispute resolution methods: Directive 2008/52/EC […]", *Latest developments in EU private international law*, Intersentia, Cambridge, 2011, p. 175 *et seq.*, speċjalment p. 181, kif ukoll Esplugues, C., "Civil and commercial mediation in the EU after the transposition of Directive 2008/52/EC", *Civil and commercial mediation in Europe*, vol. II, Intersentia, Cambridge, 2014, p. 485 *et seq.*, speċjalment p. 516.

42 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-10 ta' Diċembru 2009, Peśla (C-345/08, EU:C:2009:771, punti 34 *et seq.*); tas-27 ta' Ġunju 2013, Nasiopoulos (C-575/11, EU:C:2013:430, punt 20), kif ukoll tas-17 ta' Diċembru 2015, X-Steuerberatungsgesellschaft (C-342/14, EU:C:2015:827, punti 44 *et seq.*).

50. Ir-Repubblika Ellenika tirrifjuta dan l-argument [43] billi tinvoka li d-dispożizzjonijiet ġodda tal-Liġi Nru 4512/2018 [44] huma differenti b'mod sinjifikattiv minn dawk tal-leġiżlazzjoni li fuqha jiffoka r-rikors, li kollha ġew imħassra minn din il-liġi. F'dan ir-rigward, infakkar li għal raġunijiet esposti preċedentement, jiena tal-fehma li d-dispożizzjonijiet tal-imsemmija liġi ma għandhomx ikunu l-oġġett tal-evalwazzjoni tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li għandha twettaq il-Qorti tal-Ġustizzja f'din il-kawża [45].

51. Barra minn hekk, nenfasizza li l-konvenuta naqset milli tippronunzja ruħha fuq il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni tal-verżjoni preċedenti tal-leġiżlazzjoni Griega, imsemmija fir-rikors, peress li r-riforma li hija tibbaża l-argument tagħha fuqha daħlet fis-seħħ wara l-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata tal-Kummissjoni, b'tali mod li kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq [46], l-adozzjoni ta' din ir-riforma ma tistax tikkostitwixxi motiv ta' difiża validu. Barra minn hekk, l-invokazzjoni tal-istabbiliment ta' dispożizzjonijiet ġodda waħedha, f'tali kuntest proċedurali, fil-fehma tiegħi, turi pjuttost li effettivament il-kuntest ġuridiku ma kienx konformi mad-dritt tal-Unjoni fl-iskadenza tat-terminu rilevanti [47].

52. Fi kwalunkwe każ, skont ġurisprudenza stabbilita, anki fil-każijiet fejn l-Istat Membru kkonċernat ma jikkontestax in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tikkonstata jekk l-allegat ksur jeżistix jew le [48].

53. F'dan ir-rigward, ninnota li fir-rigward tal-inkompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni Griega msemmija fir-rikors mad-Direttiva 2005/36, il-Kummissjoni tqajjem diversi lmenti, li permezz tagħhom tallega li r-Repubblika Ellenika ssuġġettat il-proċedura ta' rikonoxximent ta' kwalifiki akkademiċi, li hija imposta fuq il-medjaturi potenzjali, għal *rekwiżiti mhux previsti fl-Artikoli 13, 14, 50 u fl-Anness VII tal-imsemmija direttiva*. Fil-fehma tiegħi, din l-analiżi hija korretta għar-*raġunijiet segwenti*.

54. Qabelxejn, nippreċiża li peress li l-professjoni ta' medjatur, irregolata fil-Greċja [49], ma hijiex imsemmija fid-dispożizzjonijiet tal-Kapitoli II u III tat-Titolu III tad-Direttiva 2005/36, dwar il-libertà ta' stabbiliment, din hija suġġetta għas-sistema ġenerali ta' rikonoxximent ta' titoli ta' taħriġ, prevista fil-Kapitolu I ta' dan it-titolu, u b'mod partikolari għall-Artikoli 10 sa 14 ta' din id-direttiva [50].

55. L-Artikolu 13 tal-imsemmija direttiva jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' dan ir-rikonoxximent. B'mod partikolari, fil-paragrafu 1 tiegħu jipprovdi li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha tippermetti l-aċċess għal u l-eżerċizzju ta' professjoni rregolata, taħt l-istess kundizzjonijiet li japplikaw għaċ-ċittadini tiegħu, lil applikanti li għandhom l-attestazzjoni ta' kompetenzi jew titoli ta' taħriġ, kif previst fl-Artikolu 11 tal-istess direttiva, maħruġa minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor għal dan l-istess għan [51].

43 Kemm fir-risposta u fil-kontroreplika tagħha, kif ukoll fl-osservazzjonijiet orali tagħha.

44 Dwar il-kontenut ta' dawn id-dispożizzjonijiet ġodda, ara l-punti 13 sa 17 u 30 ta' dawn il-konklużjonijiet.

45 Ara l-punti 34 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet.

46 Ara wkoll il-punti 34 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet.

47 Ara b'analoġija, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-10 ta' Marzu 2016, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-38/15, mhux ippubblikata, EU:C:2016:156, punti 33 u 34), kif ukoll l-10 ta' Novembru 2016, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-504/14, EU:C:2016:847, punt 144).

48 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-17 ta' Lulju 2014, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, (C-600/12, mhux ippubblikata, EU:C:2014:2086, punt 46); tal-14 ta' Settembru 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-320/15, EU:C:2017:678, punt 21), u tal-15 ta' Marzu 2018, Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika Ċeka (C-575/16, mhux ippubblikata, EU:C:2018:186, punt 105).

49 F'dan ir-rigward, ara l-punti 42 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet.

50 Ara, ukoll, is-sentenza tal-21 ta' Settembru 2017, Malta Dental Technologists Association u Reynaud (C-125/16, EU:C:2017:707, punt 38).

51 Nippreċiża li l-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu 13 jipprevedi l-ipoteżi partikolari li fiha l-applikanti eżerċitaw il-professjoni inkwistjoni fi Stat Membru ieħor li fih din ma hijiex irregolata.

56. Ċertament, l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2005/36 iżid li l-Artikolu 13 tagħha ma jipprekludix li l-Istat Membru ospitanti jimponi "miżuri kumpensatorji", li jikkonsistu f'perijodu ta' addattament jew test ta' kapaċità, fuq il-persuni li jixtiequ jaċċedu għal u jeżerċitaw professjoni rregolata. Madankollu, l-imsemmi Artikolu 14 jillimita din il-possibbiltà għas-sitwazzjonijiet elenkati fil-paragrafu 1 tiegħu, li jsemmi, b'mod partikolari fil-punt (a) tiegħu, il-każ fejn "it-taħriġ li rċieva jkopri sostanzjalment suġġetti differenti minn dawk koperti mill-provi ta' kwalifiki formali meħtieġa fl-Istat Membru ospitanti"[52]. Il-paragrafu 4 tiegħu jiddefinixxi l-kunċett ta' "suġġetti sostanzjalment differenti"[53] u l-paragrafu 5 tiegħu jimponi li l-imsemmija possibbiltà għandha tintuża fl-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità[54].

57. Barra minn hekk, l-Artikolu 50(1) tal-imsemmija direttiva jistabbilixxi li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tista' teħtieġ, fil-fehma tiegħi, id-dokumenti u ċ-ċertifikati elenkati fl-Anness VII ta' dan l-istrument biss. Il-punt 1(b) u (ċ) tiegħu jindika li l-produzzjoni ta' attestazzjonijiet hemm imsemmija tista' tintalab taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti skont dawn l-aħħar dispożizzjonijiet.

58. Issa, *f'dan il-każ*, id-dispożizzjonijiet tad-Digriet Ministerjali Nru 109088 emendat, moqrija flimkien ma' dawk tal-Liġi Nru 3898/2010, imorru lil hinn mir-regoli previsti mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/36 imsemmija iktar 'il fuq.

59. *L-ewwel nett*, ir-rikonoxximent inkwistjoni huwa suġġett għal *rekwiżiti fir-rigward tal-kontenut taċ-ċertifikati meħtieġa* li, fil-fehma tiegħi, ma humiex konformi mas-sistema stabbilita mill-imsemmija direttiva.

60. Fil-fatt, l-Artikolu 1(2)(c) tal-Kapitolu A tad-Digriet Ministerjali Nru 109088 emendat jelenka serje sħiħa ta' informazzjoni li għandha tkun inkluża fiċ-ċertifikati li l-medjaturi potenzjali għandhom jipprovdu lill-kummissjoni ta' akkreditament Griega[55], li fosthom ninnota elementi[56] li ma jikkorrispondux għar-regoli stabbiliti mil-leġiżlatur tal-Unjoni, peress li ma humiex xierqa sabiex jiġi evalwat, b'mod proporzjonat, il-kontenut tat-taħriġ segwit mill-persuni kkonċernati, għall-kuntrarju tal-kriterji ta' evalwazzjoni limitati li jirriżultaw, fil-fehma tiegħi, mill-Artikolu 14, mill-Artikolu 50(1) u mill-Anness VII, punt 1 tad-Direttiva 2005/36[57].

52 Ninnota li l-punt (b) tal-imsemmi paragrafu 1 jirreferi wkoll għall-kriterju ta' "sostanzjalment suġġetti differenti".

53 Kif ġej: "suġġetti li fir-rigward tagħhom l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi miksuba huma essenzjali għall-eżerċitar tal-professjoni u li fir-rigward tagħhom it-taħriġ irċivut mill-immigrant juri *differenzi sinifikanti f'termini ta' kontenut* mit-taħriġ meħtieġ mill-Istat Membru ospitanti" (enfasi miżjuda minni).

54 Dan huwa dak li tikkonferma l-premessa 15 ta' din id-direttiva, li tipprovdi li "[f]l- assenza ta' armonizzazzjoni tal-kondizzjonijiet minimi ta' taħriġ għall-aċċess għall-professjonijiet li jaqgħu taħt is-sistema ġenerali, għandu jkun possibbli għall-Istat Membru ospitanti li jimponi miżura kompensatorja. Din il-miżura għandha tkun proporzjonata u, b'mod partikolari, tieħu kont ta' l-esperjenza professjonali ta' l-applikant. L-esperjenza turi li l-kondizzjoni li l-migrant jagħżel bejn test ta' kapaċità u perijodu ta' adattament toffri salvagwardji adegwati rigward il-livell ta' kwalifiki ta' dan ta' l-aħħar, u għalhekk kwalunkwe deroga minn dik l-għażla għandha f'kull każ tkun ġustifikata permezz ta' rekwiżit imperattiv fl-interess ġenerali".

55 Skont l-imsemmi punt (ċ), dawn il-medjaturi potenzjali għandhom jipprovdu, minbarra dokumenti ta' sostenn oħra, "ċertifikat tal-fornitur tas-servizz ta' taħriġ, indirizzat lill-kummissjoni ta' akkreditament tal-medjaturi, imsemmija fl-Artikolu 6(1) tal-Liġi Nru 3898/2010, li jiċċertifika" l-elementi segwenti: "aa) in-numru totali ta' sigħat ta' taħriġ", "bb) il-materji koperti", "cc) il-post tat-taħriġ" (nosserva li kultant r-rikors tal-Kummissjoni jsemmi fuq dan il-livell "il-metodu ta' tagħlim", li jidhirli li dan huwa żball), "dd) in-numru ta' parteċipanti", "ee) in-numru u l-kwalifiki tal-għalliema", kif ukoll "ff) il-proċedura ta' eżami u evalwazzjoni tal-kandidati u l-modalitajiet li jiżguraw l-integrità".

56 Jiġifieri, b'mod iktar partikolari, l-erba' tipi ta' informazzjoni meħtieġa fil-punt (c) (cc) sa (ff), iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna preċedenti, li huma espressament imsemmija fir-rikors tal-Kummissjoni.

57 Dwar il-kriterji inerenti għal dawn id-dispożizzjonijiet, ara b'mod speċjali, Pertek, J., "Consolidation de l'acquis des systèmes de reconnaissance des diplômes par la directive 2005/36 du 7 septembre 2005", *Revue du marché commun et de l'Union européenne*, 2008, p. 126 sa 127 u Berthoud, F., *La reconnaissance des qualifications professionnelles – Union européenne et Suisse-Union européenne*, Dossiers de droit européen, Nru 30, Schulthess, Genève, 2016, p. 306 sa 334.

61. Barra minn hekk, kif tinvoka l-Kummissjoni, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-moviment liberu tal-persuni, kif iggarantit mill-Artikolu 45 TFUE, jirriżulta li l-evalwazzjoni tal-ekwivalenza ta' diploma barranija għandha ssir billi jittieħed inkunsiderazzjoni esklużivament il-livell tal-konoxxenza u tal-kwalifiki li din id-diploma tippermetti, fid-dawl tan-natura u tat-tul tal-istudji u tat-taħriġ prattiku relatati magħhom, li jkun hemm preżunzjoni li d-detentur għandu [58].

62. *It-tieni nett*, skont il-leġiżlazzjoni Griega inkwistjoni, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki hija marbuta ma' *miżuri kumpensatorji* li huma imposti fuq kategorija ta' medjaturi potenzjali *mingħajr evalwazzjoni preliminari* tal-eżistenza eventwali ta' *differenzi sostanzjali* mat-taħriġ nazzjonali, minkejja li, fil-fehma tiegħi u tal-Kummissjoni, in-neċessità ta' tali evalwazzjoni tirriżulta mill-Artikolu 14 tad-Direttiva 2005/36 u b'mod iktar partikolari mill-elementi msemmija iktar 'il fuq tal-paragrafi 1, 4 u 5 ta' din id-direttiva.

63. Fil-fatt, l-Artikolu 1(5) tal-Kapitolu A tad-Digriet Ministerjali Nru 109088 emendat jipprovdi li fir-rigward tar-rikonoxximent tal-ekwivalenza ta' kwalifika ta' akkreditament miksuba f'pajjiż barrani jew maħruġa minn fornitur tas-servizz ta' taħriġ barrani wara taħriġ ipprovdut fil-Greċja, il-kummissjoni Griega ta' akkreditament tal-medjaturi għandha l-fakultà li taċċetta din l-ekwivalenza taħt kundizzjonijiet li, fil-fehma tiegħi, ma jikkorrispondux għat-tip ta' kriterji previsti mid-Direttiva 2005/36 u li jeċċedu l-marġni ta' diskrezzjoni li din tal-aħħar tħalli lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri f'dan il-qasam [59]. Prinċipalment, nikkunsidra li l-imsemmija kundizzjonijiet ma humiex xierqa sabiex jiġi stabbilit b'mod preliminari li t-taħriġ li l-persuna kkonċernata tkun irċeviet jirrigwarda suġġetti sostanzjalment differenti minn dawk koperti mill-akkreditament meħtieġ fl-Istat Membru ospitanti, b'tali mod li miżura kumpensatorja intiża sabiex timla l-lakuni tidher oġġettivament neċessarja, kif jipprovdi l-Artikolu 14 ta' din id-direttiva.

64. *It-tielet nett*, il-Kummissjoni ssostni li, f'dan l-istess kuntest ġuridiku, ir-Repubblika Ellenika kisret ukoll il-*prinċipju ta' nondiskriminazzjoni*, peress li hija żammet fis-seħħ dispożizzjonijiet nazzjonali li jimponu li l-persuni li jitolbu akkreditament ta' medjatur wara li jkunu kisbu kwalifiki ta' akkreditament mingħand fornitur tas-servizz ta' taħriġ barrani [60] għandhom juru esperjenza tal-inqas ta' tliet parteċipazzjonijiet fi proċeduri ta' medjazzjoni, filwaqt li dan ma kienx il-każ għall-persuni li kisbu kwalifika ta' akkreditament mingħand fornitur tas-servizz ta' taħriġ Grieg.

65. Jiena naqbel ma' din il-perspettiva, filwaqt li nqis li dan it-tielet ilment jitħallat mat-tieni wieħed fuq imsemmi, peress li huwa wkoll jirrigwarda l-kontenut tal-Artikolu 1(5) tal-Kapitolu A tad-Digriet Ministerjali Nru 109088 emendat – kontenut eżaminat iktar 'il fuq fir-rigward tad-Direttiva 2005/36 – u fil-fehma tiegħi dan tal-aħħar jinkludi huwa stess projbizzjoni ta' kull kriterju ta' rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali li huwa ta' natura diskriminatorja [61].

58 Ara b'mod partikolari, is-sentenzi tal-10 ta' Diċembru 2009, Peśla (C-345/08, EU:C:2009:771, punt 39), kif ukoll tas-6 ta' Ottubru 2015, Brouillard (C-298/14, EU:C:2015:652, punt 55).

59 B'hekk, l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 5 jeħtieġ li "l-persuna kkonċernata tiġġustifika *esperjenza tal-inqas ta' tliet parteċipazzjonijiet fi proċeduri ta' medjazzjoni* bħala medjatur, assistent medjatur jew avukat ta' waħda mill-partijiet" u jżid li "[din] il-kummissjoni tista' *fid-diskrezzjoni tagħha*, titlob lill-persuna kkonċernata toqgħod għal *eżami addizzjonali*". It-tieni subparagrafu jippermetti li l-persuna kkonċernata tiġi eżentata milli tipprova tali esperjenza taħt il-kundizzjoni "l-elementi kollha tal-fajl […] juru b'mod manifest it-taħriġ kontinwu tagħha u *l-prattika sistematika tal-medjazzjoni u sa fejn dan it-titolu nkiseb mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2012*" (enfasi miżjuda minni).

60 B'mod iktar preċiż, kwalifika ta' akkreditament miksuba f'pajjiż barrani jew maħruga minn fornitur tas-servizz ta' taħriġ irrikonoxxut f'pajjiż barrani wara taħriġ ipprovdut fil-Greċja.

61 B'mod partikolari, mill-Artikolu 13 tad-Direttiva 2005/36 jirriżulta li l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru għandha tagħti aċċess għall-professjoni rregolata, bħal dik ta' medjatur, "taħt l-istess kundizzjonijiet li japplikaw għaċ-ċittadini tiegħu". Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet tad-Digriet Ministerjali Nru 109088 emendat ikkontestati jistgħu jaffettwaw intrinsikament iċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra minbarra ċ-ċittadini nazzjonali, b'tali mod li jirriżulta riskju li dawn tal-aħħar jitqiegħdu f'sitwazzjoni żvantaġġuża, u għalhekk isofru diskriminazzjoni indiretta.

66. *Finalment*, bħall-Kummissjoni, nirrileva li l-*argumenti li tressqu f'dan ir-rigward mir-Repubblika Ellenika*, fil-kuntest tal-proċedura prekontenzjuża, ma humiex effettivi. B'mod iktar partikolari, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja [62], huwa irrilevanti li prattika amministrattiva tippermetti eventwalment li ma jiġux applikati, każ b'każ, id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni Griega li ma humiex konformi mad-Direttiva 2005/36, b'mod partikolari dawk li jeħtieġu l-esperjenza fuq imsemmija [63].

67. Konsegwentement, inqis li l-Kummissjoni wriet b'mod suffiċjenti fid-dritt l-eżistenza tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu allegat fil-konfront tar-Repubblika Ellenika, sa fejn dan jirrigwarda d-Digriet Ministerjali Nru 109088 emendat moqri flimkien mal-Liġi Nru 3898/2010, fuq il-bażi tad-Direttiva 2005/36.

V. Konklużjoni

68. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti u mingħajr preġudizzju għall-eżami tal-ilmenti l-oħra mressqa f'din il-kawża, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi kif ġej:

Billi ssuġġettat il-proċedura ta' rikonoxximent ta' kwalifiki akkademiċi għal rekwiżiti supplimentari fir-rigward tal-kontenut taċ-ċertifikati meħtieġa u tal-miżuri kumpensatorji mingħajr evalwazzjoni preliminari tal-eżistenza ta' differenzi sostanzjali mat-taħriġ nazzjonali, ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikoli 13, 14 u 50 kif ukoll skont l-Anness VII tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali.

62 Fil-fatt, minkejja li fil-prattika l-awtoritajiet ta' Stat Membru ma japplikawx dispożizzjoni nazzjonali li tmur kontra d-dritt tal-Unjoni, il-prinċipju ta' ċertezza legali jirrakkomanda madankollu li din id-dispożizzjoni tiġi emendata b'mod formali (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-13 ta' Marzu 1997, Il-Kummissjoni vs Franza, C-197/96, EU:C:1997:155, punt 14; tal-5 ta' Lulju 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, C-522/04, EU:C:2007:405, punt 70, u tal-24 ta' Ottubru 2013, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-151/12, EU:C:2013:690, punti 26 u 36).

63 Il-Kummissjoni tenfasizza li l-possibbiltà, mogħtija lill-awtoritajiet Griegi, li ma japplikawx il-kriterju tal-esperjenza hija limitata, peress li tirrigwarda biss il-persuni kkonċernati li kisbu kwalifiki ta' akkreditament ta' medjatur mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2012 (ara t-tieni sentenza tat-tieni inċiż tal-Artikolu 1(5) tal-Kapitolu A tad-Digriet Ministerjali Nru 109088 emendat u l-Artikolu 14(2) tal-Liġi Nru 3898/2010 kif emendat fl-2012).